L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, il-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum il-**Erbgha, 19 ta' Awwissu, 2020** fid-09:30am fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi. Dehru whud mill-membri tal-familja.

Deher Dr. Miguel Degabriele bhala Avukat tal-Istat.

**Marvin Gaerty** xehed bil-gurament u bil-Malti.

Ix-xhud Marvin Gaerty, Commissioner of Revenue, talab direzzjoni minn ghand il-Bord meta gie mistoqsi biex jaghti informazzjoni dwar nies u kumpaniji specifici li setghu kienu taht investigazzjoni mid-Dipartiment tieghu.

Peress illi l-Artiklu 4 (2) Chapter 372, Income Tax Managment Act, u Artiklu 56 tal-VAT Act jippreskrivi li tali informazzjoni hija konfidenzjali u tista' tinghata biss b'ezenzjoni moghtija mill-Prim Ministru jitlob lill-Bord illi jinghata lista tal-kumpaniji u nies involuti illi taghhom qiedha tintalab informazzjoni sabiex ikun jista' jitlob awtorizzazzjoni mill-Prim Ministru sabiex jaghti lill-Bord l-informazzjoni mitluba.

Dr. Therese Comodini Cachia tirriserva li tipprovdi l-lista lil dan il-Bord mhux aktar tard mill-Gimgha, 21 ta’ Awwissu 2020, liema lista ghandha imbaghad tigi kkomunikata lis-Sur Gaerty sabiex igib l-ezenzjoni li hemm bzonn minn ghand il-Prim Ministru.

Id-deposizzjoni ta’ Marvin Gaerty hija sospiza.

**Johann Buttigieg** xehed bil-gurament u bil-Malti.

Il-Bord qed jiddiferixxi l-inkjesta ghal nhar il-Gimgha, 21 ta’ Awwissu 2020 sabiex jixhed is-Superintendent Antonovitch Muscat fid-9.30 a.m. u l-ex Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar fl-9.45 a.m.

Rita Falzon
Bord tal-Inkjesta